MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Appell Civili Numru. 15/2005

**Alfred Agius**

**vs**

**Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell tal-istess Alfred Agius datat 21 ta’ Dicembru 2005 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Dan hu appell mid-decizjoni tal-Bord tal-Appelli tal-MEPA moghtija fid-9 ta’ Dicembru, 2005, fejn l-applikazzjoni giet michuda ghaliex il-Bord tal-Appell iddecieda li kien hemm *“res judicata”,* u ghalhekk it-talba giet michuda.

L-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti f’dan li gej:-

L-esponenti kellu permess tal-bini ta' *boundary wall* madwar l-art in kwestjoni. Din l-art inbena madwarha l-istess *boundary wall* ta' madwar 12-il filata. Min-naha minnhom hemm appogg ma' terzi, u min-naha ohra mat-triq pubblika. Mhux kontestat li dan il-hajt hu mibni bil-permessi, u llum hadd ma jista' jwaqqghu.

Dan igib li l-art hija *committed*, u ma jistax ghalhekk jinghad li mhux art ghall-bini jew li fuqha jista' jsir zvilupp.

Illi l-MEPA qajmet ir-*res judicata* bhala eccezzjoni u f'Bord laqa' l-istess eccezzjoni. Bir-rispett kollu dan mhux korrett ghaliex ir-*res judicata* ma tapplikax ghal talba li ssir. Jekk wiehed jaghmel analogija, applikazzjoni tekwivali ghal rikors. Ma hemm l-ebda *res judicata* meta ssir talba, hlief fejn il-ligi tghid espressament li tali talba la darba deciza tikkostitwixxi stat bejn il-partijiet. Hemm okkazjonijiet fejn il-ligi tghidu, jew taghmel terminu perentorju. Dan mhux il-kaz tal-MEPA. Id-decizjoni tal-Bord tal-Appell ma tiddecidix id-dritt finali bejn zewg partijiet, l-applikant u l-MEPA, imma jekk dik l-applikazzjoni kellhiex ir-rekwiziti jew le. Ezempju fil-Qrati huwa rikors ghal-liberta' provvisorja ta' bniedem arrestat. Dan ikollu *res judicata* ghaliex kellu cahda wara cahda tal-liberta`?"

Is-*sanctioning* sar popolari ricentement bhala prattika. Il-kaz l-aktar eklatanti kien tal-bini ta' parti minn lukanda l-Marfa. L-Awtorita` flok waqqghet hadet il-piena pekunjarja u hafret id-dnub. Ghalhekk ma jistax jinghad li jkun hemm *res judicata* meta l-istess ligi titkellem fuq is-*sanctioning*, u dan qed jigi regolarment applikat. Mhux biss. Imma l-ligi dwar *sanctioning* giet tapplika ghall-fatti retrospettivi.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka d-decizjoni appellata, *stante* li dan hu punt ta' ligi, u konsegwentement tirrinvija l-atti lill-Bord tal-Appelli tal-Awtorita' ta' Malta ghall-Ambjent u Ippjanar halli jisma' u jiddeciedi fil-mertu.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 9 ta' Jannar 2006 a fol 4 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-file tal-Bord tal-

Appell fl-ismijiet “Agius Alfred vs MEPA” deciz mill-istess Bord.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta’ Mejju 2006.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 10 ta’ Mejju 2006 a fol 9 tal-process fejn espona: -

1. Illi dan l-appell jittratta principarjament dwar il-kwistjoni ta’ *res gudicata.*

*2.* Illi dan il-punt gie trattat fl-istess decizjoni tal-Bord tal-Appell mertu ta’ dan l-appell u l-istess Bord dahal fil-kwistjoni jekk dan il-principju ghandux japplika. Fil-fatt huwa ddecieda li dan il-kriterju ghandu japplika ghaliex fost l-ohrajn, huwa l-istess applikant tal-applikazzjoni PA 412/96 (liema decizjoni tal-Bord tal-Appell hija annessa u mmarkata Dok. “CSZ 1”), il-*policies* applikabbli baqghu l-istess u li tirrigwardja l-istess sit mertu ta’ dan l-appell.

3. Illi a rigward jekk dan il-principju jistax jigi invokat mill-Bord tal-appell bhala wiehed definittiv u li jikkreja certu drittijiet, qed tigi kkwotata d-decizjoni ta’ ***Joseph Difesa vs. Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar*** (deciza fit-26 ta’ Mejju 2004 minn din il-Qorti u kif ikkonfermata bir-ritrattazzjoni deciza mill-iMhallef Philip Sciberras fis-6 ta’April 2005).

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-Awtorita’ esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia prodotti u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mil-Ligi, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-appell interpost mill-appellant Alfred Agius u tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tad-disa’ (9) ta’ Dicembru 2005 fl-ismijiet premessi.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Ottubru 2007 fejn meta ssejjah l-appell dehru Dr. Claire Stafrace Zammit u Ivor Robinich ghall-Awtorita` appellata. Dr. Joseph Brincat u

Alfred Agius msejha diversi drabi baqghu ma dehrux. L-appell gie differit *sine die*.

Rat ir-rikors ta’ Alfred Agius datat 4 ta’ April 2008 a fol 24 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha terga’ tirriappunta l-kawza u tqieghdha fuq il-lista ghas-smigh.

Rat ir-rikors tal-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datat 17 ta’ Marzu 2010 a fol 21 tal-process fejn l-esponenti talbet lill-Qorti joghgobha tappunta l-appell ghas-smigh u dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Qorti; u l-Qorti laqghet it-talba u rriappuntat l-appell ghas-smigh u trattazzjoni ghall-10 ta’ Gunju 2010 kif jidher bid-digriet moghti fit-18 ta’ Marzu 2010.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tat-3 ta’ Mejju 2011 meta ssejjah l-appell deher Dr. Ian Vella Galea ghall-awtorita` appellata, Ivor Robinich ghall-istess, u deher l-appellant assistit minn Dr. Joseph Brincat. Dr. Brincat talab permess jesebixxi ritratt li juri li biswit il-bini tal-appellat inghata permess fis-sena 2005. Dan jixtieq jesebih biex jissolleva trattament diskriminatorju da parti tal-MEPA. Dr. Ian Vella Galea oppona ghall-prezentata tal-istess peress li l-esebizzjoni ta’ dan ir-ritratt hi totalment irrelevanti ghall-appell odjern. Il-Qorti cahdet it-talba. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghas-27 ta’ Ottubru 2001.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-Awtorita’ appellata eccepiet mhux biss li l-kuncett ta’ *res judicata* japplika wkoll ghall-kazijiet li jikkoncernaw kazijiet ta’ ppjannar u zvilupp, izda l-applikazzjoni ta’ l-istess principju ghall-kaz in partikolari hija mbaghad kompetenza tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, u dan skond is-sentenza fl-ismijiet **“Joseph Difesa vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** (A.I.C. (PS) – 6 ta’ April 2005).

Illi huwa ritenut mill-gurisprudenza taghna, u wkoll minn diversi awturi, illi sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tar-*res judicata*, irid ikun hemm is-segwenti tliet rekwiziti: *eadem res* - l-istess oggett, *eadem causa petendi* - l-istess mertu u *eadem personae* - l-istess partijiet, liema tliet elementi jridu jikkonkorru ghax fin-nuqqas ma jistax jinghad li l-haga hija l-istess.

Illi dan ifisser li sabiex l-eccezzjoni tirnexxi jehtieg illi l-oggett tal-kawza ikun identiku ghal dak tal-ewwel decizjoni. *"Even if the object of the new demand is similar to that of a previous judgement, this similarity is no obstacle to the new demand because the effects of the judgement contituting res judicata are limited to what has been actually submitted by the parties and decided by the Court."* **(Vassallo Audrey, *Res Judicata Its Scope, Nature and the Requistes of the Corresponding Plea, LL.D Thesis, June 1997*.)**

Illi ma hemm l-ebda dubju ghalhekk li l-principju ta’ *res judicata* ghandu japplika wkoll ghall-kazi bhal dawk odjerni kemm il-darba kollox ikun l-istess, inkluz mil-lat ta' applikant sija mil-lat ta' applikazzjoni u sija mil-lat ta' *policies* applikabbli u dan huwa iktar relevanti meta fi kwistjonijiet koncernanti zvilupp ta' proprjeta` huma kostantement suggetti ghar-revizjoni u aggornament. Dan kemm ghar-raguni ta' tibdil tal-istess zvilupp mahsub, kemm ghal-revizjoni ta' *policies* u skemi.

Illi fil-fatt fid-decizjoni **“Joseph Difesa vs l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** (A.I.C. (PS) - 6 ta' April 2005) fejn gie ritenut li:-

*"In meritu ghall-kuncett tal-gudikat gie deciz illi, "kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f'sentenza. Li tbieghed il-possibilita` ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibbilta` ta' kwistjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza li tkun inghatat" - "**Carmelo D' Amato et vs Carmelo Camilleri**", Qorti Civili, Prim' Awla, per Mhallef J. R. Micallef, 10 ta' Jannar 2002".*

*"Dan s'intendi huwa l-principju. B'danakollu biex ir-res judicata tigi eccepita b'success jehtieg li c-cirkostanzi rilevanti tal-kaz jibqghu l-istess bhal dawk tal-kaz ta' qabel. Ara "**Angelo Bartolo vs Concetta Lautier**", Appell, 29 ta' April 1966".*

Illi dan ifisser li jekk ikun hemm tibdil fic-cirkostanzi jigi li s-sentenza ta' qabel ma titqiesx ta' ostakolu ghar-riproposizzjoni tat-talba. Ara "**Peter Paul Muscat vs Giuseppe Muscat**" (A.C - 30 ta' Gunju 1969).

Illi skont gurisprudenza pacifika dan hu maggorment hekk f'kawzi ta' separazzjoni jekk ikunu vverifikaw ruhhom fatti posterjuri jew sopravvenuti ghas-separazzjoni (**Ara Kollez. Vol. XXIX P II p 603; Vol. XXXVI P II p470)**, kawzi ta' alimenti **(Vol. XXXVIII P II p 533; Vol. XLVIII P II p 1191)**, u kawzi dwar lokazzjonijiet **(Vol. XLV P I p 24; Vol. XLII P I p 91)** u l-istess principju indubbjament kapaci jigi prattikat u estiz ghall-kwistjonijiet ta' talbiet ghall-izvilupp.

Illi relevanti wkoll li gie ritenut ukoll fil-kawza **"Giuseppa mart Leonardo Mizzi et vs Joseph Sacco"** (A.C. - 31 ta' Mejju 1996" (Vol. XXIX.i. p1155) illi:-

*"hu minn dawn il-konstatazzjonijiet ta' fatt li jermergu l-elementi tal-identita` tal-oggett fiz-zewg kawzi (applikazzjonijiet) u li jrid jigi strettament sodisfatt biex tigi milqugha l-eccezzjoni tar-res judicata. Dan sal-punt li f' kaz ta' dubju d-decizjoni tal-Qorti (l-Bord) ghandha tkun kontra li tigi milqugha l-eccezzjoni tal-gudikat ghax*

*altrimenti jigi ndebitament pregudikat l-attur (l-applikant) in kwantu jigi mcahhad milli jkollu t-talbiet tieghu definiti giudizzjarjament. (enfasi mizjud mill-appellant odjern) L-exceptio judicati ghandha bhala fundament taghha l-interess pubbliku u hija ta' interpretazzjoni strettissima, u f'kaz ta' dubju, l-gudikant ghandu jaqta' kontra din l-eccezzjoni."*

Illi f'dan il-kuntest issir riferenza wkoll ghas-sentenzi fl-ismijiet **"Anthony Muscat vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar'** (A.I.C. (RCP) – 25 ta' Gunju 2009); **"Matthew Vella vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar'** (A.I.C. (RCP) – 30 ta' Marzu 2006), **"Joseph Cutajar vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) – 30 ta' Marzu 2006 u **"Joseph Difesa vs Il-Kummissjoni ghall-Kontrol ta' l-Izvilupp" (**A.I.C. (RCP), 26 ta' Mejju 2004) fejn inghad li *"mill-gurisprudenza vigenti jirrizulta li l-kuncett ta' res judicata ma hijiex eskluza l-applikazzjoni tieghu f'kazijiet ta' zvilupp jekk jinkorru l-elementi ta' l-istess eccezzjoni, u cjoe' (1) "eadem res"; (2) eadem causa petendi"; u (3) "eadem personae", u jekk ic-cirkostanzi kollha inkluz l-policies applikabbli huma l-istess, iktar u iktar meta l-Bord ghandu funzjoni ta' tribunal kwazi gudizzjarju."*

Illi dan huwa soffermat mis-sentenza **"Victor Chetcuti vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. 31 ta' Mejju 1996) u fid-decizjoni **"Alex Montanaro noe vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp"** (A.C. 9 ta' Frar 2001) u dik ta' **"Joseph Difesa vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. 28 ta' Gunju 2002) fejn inghad ukoll li *"huwa risaput li meta decizjoni ta' Qorti jew ta' Tribunal tkun wahda finali, l-istess decizjoni tkun tikkostitwixxi "ligi" ghall-partijiet. Is-sahha tal-gudikat huwa proprju hawn:- li l-partijiet ikunu marbutin li josservaw dak li d-decizjoni finali tkun iddecidiet. Ghalhekk, ma jistghux iqajmu l-istess kaz mill-gdid. Jekk xi hadd minnhom jittanta jaghmel hekk, il-parti l-ohra tista' tissolleva l-eccezzjoni ta' res judicata. Din l-eccezzjoni tintlaqa' jekk ikun jissussisti l-konkors tat-tliet elementi, cioe' "eadem personae", "eadem res", u eadem cautio petendi". Fi kliem iehor din l-eccezzjoni tintlaqa' jekk is-sentenza ta' qabel tkun*

*inghatat f'kawza bejn l-istess persuni, maghmula ghall-istess oggett, u fuq l-istess kawzali."*

Illi minn dan kollu jidher car li mill-istess gurisprudenza konstanti, nkluzi dawk fl-ismijiet **"Joseph Difesa vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I,C (RCP) – 26 ta' Mejju 2004), **"Joseph Cutajar vs l-Kummissjoni ghalll-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 30 ta' Marzu 2006) u **"Matthew Vella vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) 30 ta' Marzu 2006), li ma hemm xejn x'jista ghall-applikazzjoni tal-istess principju ghall-kazijiet quddiem l-istess Bord u wkoll quddiem din il-Qorti, ovvjament dawn mehuda fl-optika tal-ligijiet ta' ppjanar, li huma l-unika ligijiet li l-istess Bord ghandu kompetenza dwarhom, b'dan pero' li l-istess eccezzjoni hija ntiza sabiex tevita li applikant jerga' jittenta jipprezenta l-istess kaz medesimu quddiem l-istess organu li tah l-ewwel decizjoni. Fil-fatt inghad li *"if the original decision is intra vires then it is binding simply because it is a lawful decision given by the appropriate body. The term res judicata is of use to prevent frequent attempts to determine the same point."*

Illi ghalhekk dawk li huma principji ta' *res judicata* u l-applikazzjoni taghhom il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza **"Rabat Costruction Company Limited vs Cutajar Construction Limited"** (P.A. (RCP) – 9 ta' Jannar 2002) u dik fl-ismijiet **"Registratur tal-Qrati Superjuri vs M of Time Limited" –** P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000 – Cit. Nru. 1247/99/RCP) u **"Helen sive Eileen Borg vs Bank of Valletta p.l.c."** (P.A. (JRM) 7 ta' Mejju 2001 – Vol. LXXXV.iii.(II).465) u **"Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et"** (P.A. (JRM) – 25 ta' Settembru 2003).

Illi f'dan il-kuntest huwa sintomatiku dak li inghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Joseph Difesa vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (PS) – 6 ta' April 2005 fejn inghad li:-

*"....quddiem il-Bord kwestjonijiet koncernanti zvilupp ta' propjreta' huma kostantament suggetti ghar-revizjoni u*

*aggornament. Dan kemm ghar-raguni ta' tibdil ta' l-istess zvilupp mahsub kemm ghal revizjoni ta' policies u skemi. Tali ezercizzju u ndagini kellu pero` jigi kondott u approfondit mill-Bord biex dan jistabbilixxi jekk kienx tabilhaqq il-kaz u mhux jadotta principji generici minghajr id-debitu kontroll u epurar tal-fatti"*

Illi meta l-istess Qorti tapplika l-istess principji ghall-kaz odjern thoss li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar f'din id-decizjoni applika l-principju ta' *res judicata* b'mod korrett, u dan peress li t-tieni applikazzjoni sottomessa kienet tikkoncerna hrug ta' *outline development* ghall-izvilupp tal-fond tal-Grazzja, Triq iz-Zejtun, Birzebbuga P.A. 6460/00, li kien gja oggett ta' applikazzjoni PA 0412/96 li kienet gie rifjutata, u kienet ukoll oggett ta' devizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar PAB 405/96 SMS datata 30 ta' Ottubru 2000, mentri din l-applikazzjoni tikkonsisti ghal sanzjonar tal-istess bini propost, u ghalhekk jidher li hemm l-istess mertu u oggett bejn il-partijiet izjed u izjed meta jirrizulta li meta saret l-ewwel applikazzjoni, l-bini kien diga sar u huwa l-istess bini mertu tal-kawza odjerna; dwar l-istess tapplika l-istess ligi u *policies,* u l-appellant uza l-istess argumenti pretensjonijiet minnu vantati fl-ewwel kaz, inkluz il-vantazzjoni li la darba kien hemm *boundary wall* mela allura kellu johrog il-permess ghall-izvilupp imsemmi. Ghalhekk jezistu t-tlett elementi ta' *res judicata* cjoe' *"eadem personae", "eadem res", u eadem cautio petendi"* u ghalhekk l-appell qed jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellant ghaliex id-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet premessi tad-9 ta' Dicembru 2005 hija gusta u timmerita konferma.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 10 ta' Mejju 2005, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Alfred Agius datat 21 ta' Dicembru 2005 stante li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 9 ta' Dicembru**

**2005 fl-ismijiet "Alfred Agius vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellant.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------